MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 676/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Briffa Alan James**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Settembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u sitta u sittin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm166.39) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 02391 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Dicembru 2002 u Mejju, 2003;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 2003, u bl-imghaxijiet sad-data tal-**

**pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-20 ta' Settembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx ghalkemm ingunt in subizzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu meqjusa bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm166.39) bl-imghax legali mil-5 ta' Dicembru, 2003 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------